MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 217/2015

**i) M. & R. Investments Limited (C34205), u**

**ii) M. & R. Holdings Limited (C30612)**

**vs.**

**Dr Martin Fenech u l-PL Rita Drago li b'digriet tal-4 ta' Mejju, 2015 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw**

**lil Chappelle Complex Co Ltd (C4892) drabi oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-9 ta' Marzu, 2015 li bih is-soċjetajiet attriċi **M. & R. Investments Limited (C34205)** u **M. & R. Holdings Limited (C30612)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetajiet attriċi"), u Mario Borg għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetajiet attriċi kkonferma bil-ġurament, u għar-raġunijiet imfissra s-soċjetajiet attriċi ppremettew u talbu lil din il-Qorti:

1) *Illi permezz ta' kuntratt pubbliku tas-16 ta' Diċembru, 2005, ippubblikat min-Nutar Dottor Roberta Bisazza, is-soċjetà esponenti M. & R. Investments Limited akkwistat mingħand is-soċjetà Northside Company Limited il-fond li jismu Villa Chapelle u aċċessibbli minn grada tal-ħadid bin-numru ħmistax (15), Mosta Road, ukoll imsejħa Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, inkluż parti mill-ġnien u l-art madwar l-istess imsemmija Villa Chapelle u dan kif aħjar deskritt fl-att tal-akkwist de quo li kopja tiegħu ġiet annessa u immarkata Dok MR1;*

2) *Illi permezz ta' kuntratt pubbliku ieħor, tas-16 ta' Diċembru, 2005, ippubblikat min-Nutar Dottor Roberta Bisazza, is-soċjetà esponenti M. & R. Holdings Ltd akkwistat mingħand is-soċjetà Northside Company Limited, i) blokk ta' flats jismu "Jacaranda Apartments", aċċessibbli fuq Ramon Street, San Pawl il-Baħar, li nbena fuq porzjon ta' art diviża magħrufa bin-numru 34 mill-artijiet imsejħa "Ta' Għarbuna", ii) il-parti li tiġi mit-tielet filata 'l fuq mil-livell tal-ġnien ta' fond jismu Villa Chapelle, f'Mosta Road, imsejħa wkoll Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, tal-kejl superfiċjali ta' għoxrin punt tmienja metri kwadrati (20.8 m.k.) konsistenti f'kamra u l-arja tagħha u iii) porzjon ta' art li tikkonfina mit-Tramuntana mal-ġnien anness mal-Villa Chapelle, mill-Punent ma' beni ta' Tony Cremona, mil-Lvant in parti ma' GT Court u għandha kejl ta'*

*circa tnejn punt tnejn titmiem (2.2 T) u ċioè 2737.02 $m^2$ u dawn kif aħjar deskritti fl-att tal-akkwist de quo li kopja tiegħu ġiet annessa u immarkata Dok MR2;*

3) *Illi s-soċjetajiet esponenti talbu u ottjenew permess tal-iżvilupp sabiex inter alia fuq is-sit de quo u senjatament il-proprjetajiet deskritti f'paragrafi numru 1 u 2 (li għal fini ta' referenza ser jiġu riferuti kumplessivament bħala "Villa Chapelle"), jibnu (recte) numru ta' appartamenti u garaxxijiet. Dan il-permess (PA 2084/05) (Dok MR 3) ġie approvat wara proċess li kien anke jinvolvi appell (vide deċiżjoni tal-appell datata 7 ta' Frar, 2012 – Dok MR4);*

4) *Illi ġara li riċentement u meta issa s-soċjetajiet esponenti poġġew dawna l-appartamenti fuq is-suq għall-bejgħ, ġie skopert illi fuq il-proprjetà, ossija fuq xi partijiet mill-Villa Chapelle, għad hemm privileġġ speċjali, bin-numru 4610/1985, li kien iskritt mis-soċjetà Northside Company Limited (il-predeċessur fit-titolu tal-esponenti) a favur ta' Chappelle Complex Co Ltd (C4892) [drabi oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015] u dan in garanzija ta' pagament ta' Lm25,000. Kopja ta' nota tal-insinwa minn fejn jirriżulta dan il-privileġġ speċjali ġiet annessa u immarkata bħala Dok MR5;*

5) *Illi għal xi raġuni injota għall-esponenti, dan il-privileġġ speċjali ma kienx irriżulta meta kienu saru ir-riċerki fil-mument li s-soċjetajiet esponenti kienu qed jakkwistaw mingħand Northside Company Limited;*

6) *Illi malli dan l-aħħar huma saru jafu bl-eżistenza ta' dan il-privileġġ, ir-rappreżentanti tas-soċjetajiet esponenti kkuntattjaw mill-ewwel lil Anthony Sammut (I.D. 1081846M) li huwa d-direttur ta' Northside Company Limited, li kien sorpriż li dan il-privileġġ għadu fis-seħħ, stante li huwa kien ħallas id-dejn u l-interessi kollha ħafna snin ilu lill-Bank of Valletta plc hekk kif delegat mill-istess Chapelle Complex Co Ltd [drabi*

*oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015] Di fatti dan id-dejn kien ukoll garantit min-numru ta' kambjali maħruġa minn Northside Company Limited, liema kambjali (li kienu iġġirati minn Chappelle Complex Ltd [drabi oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015] lill-Bank of Valletta plc skont il-ftehim) kollha ġew ritornati lill-istess Northside Company Limited, stante li d-dejn tħallas fl-intjier tiegħu. Is-Sur Sammut ipprovda kopja ta' dawn il-kambjali mħallsa lill-esponenti. Mandankollu, bħala stat ta' fatt dan il-privileġġ jidher li qatt ma ġie kanċellat;*

7) *Illi minn riċerka li saret mar-Reġistratur tal-Kumpanniji, irriżulta li Chappelle Complex Co Ltd [drabi oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015], li a favurha hemm dan il-privileġġ, kienet ġiet reġistratata fit-28 ta' Frar 1980 u t-tliet azzjonisti tagħha kienu Jack Farrugia, Michael Gatt, u Edward Cassar, li wkoll kienu diretturi tagħha;*

8) *Illi imbagħad din is-soċjetà ġiet xolta nhar id-29 ta' Diċembru, 1988 u dan skont avviż ippreżentat lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet nhar is-17 ta' April, 1989. Ġiet annessa wkoll riżoluzzjoni fejn l-azzjonisti ta' Chappelle Complex Co Ltd [drabi oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015] iddeċidew li jillikwidaw is-soċjetà u jaħtru lis-Sur Anthony R. Valvo bħala stralċjarju u lis-Sur Anthony J. Cassar bħala awditur għall-iskopijiet tal-likwidazzjoni, u kif ukoll l-avviż tal-appuntament tal-likwidatur;*

9) *Illi jirriżulta illi nhar it-2 ta' Frar, 1990 is-Sur Anthony R. Valvo rriżenja mill-kariga tiegħu ta' likwidatur;*

10) *Illi nhar il-25 ta' April, 2011, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji (recte) ippubblika avviż ai termini tal-Art. 325 (3) tal-Att dwar il-Kumpanniji li fi żmien tliet xhur mid-data tal-avviż l-isem tal-kumpanija Chappelle Complex Co Ltd kien ser jitħassar minn fuq ir-Reġistru;*

11) *Illi effettivament l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd [drabi oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015] ġie imħassar b'deċiżjoni ppubblikata nhar il-25 ta' Lulju, 2011 mir-Reġistratur intimat;*

12) *Illi għaldaqstant l-esponenti kienu kostretti illi jinterponu il-proċeduri maħsuba fl-art. 325 tal-Kap. 386 sabiex ikun jista' jitqiegħed mill-ġdid l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd [drabi oħra msejħa wkoll bħala "The Chapelle Complex Company Limited" jew "Chapelle Complex Co. Ltd" kif korrett b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015] fuq ir-Reġistru, sabiex ikunu mbagħad jistgħu jintavolaw il-proċeduri odjerni;*

13) *Illi l-esponenti ottjenew sentenza favorevoli f'dan is-sens liema sentenza ġiet deċiża nhar is-27 ta' Novembru, 2014 (Rik. Nru. 881/14 JZM), kopja ta' liema ġiet annessa u mmarkata Dok MR6);*

14) *Illi riċentement l-isem tas-soċjetà intimata reġa' tqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji (recte), skont id-deċiżjoni appena ċitata;*

15) *Illi għaldaqstant l-esponenti jistgħu jipproċedu bl-istanza odjerna;*

*Għaldaqstant is-soċjetajiet esponenti, umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun:*

1) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-obbligazzjoni tal-pagament li kienet iggarantita bil-privileġġ speċjali, bin-numru 4610/1985, li kien iskritt mis-soċjetà Northside Company Limited a favur tas-soċjetà intimata ġiet estinta, proprju għaliex kwalsiasi ammont dovut lill-istess soċjetà intimata ġie imħallas;*

2) *Tordna konsegwentement illi l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali, bin-numru 4610/1985 għandha tkun imħassra ossija kanċellata għalkollox;*

3) *Tinnomina, jekk hemm il-ħtieġa, Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' tħassir ossija kanċellament u kuraturi sabiex jidhru għan-nom tal-eventwali kontumaċi fuq l-att relattiv tal-kanċellament.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata, li qed tiġi minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta ppreżentata fit-28 ta' Mejju 2015 minn **Dr Martin Fenech u l-P.L. Rita Drago** li b'digriet tal-4 ta' Mejju, 2015 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà konvenuta Chapelle Complex Co Ltd, li tgħid kif ġej:

1. *Illi fl-ewwel lok sabiex jiġu milqugħa (recte) it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandu jiġi ppruvat li ġew imħallsa l-pretensjonijiet.*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirriżerva li jissottometti risposta ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-Rikors Maħluf.

Rat l-affidavits ta’ Anthony Sammut, ta’ Mario Borg u ta’ Raymond Camilleri.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Ġunju, 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m’għandhomx aktar provi xi jressqu, ittrattaw il-mertu u rrimettew ruħhom għall-atti tal-kawża u qablu li l-kawża għandha titħalla għas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Ġunju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta’ Lulju, 2015 fejn ġiet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-kawża u kif ukoll fl-atti kollha relatati u sussegwenti, b’dana li l-okkju tal-kawża jiġi jaqra kif ġej:

> i) M. & R. Investments Limited (C34205), u ii) M. & R. Holdings Limited (C30612) vs. Dr Martin Fenech u l-PL Rita Drago li b’digriet tal-4 ta’ Mejju, 2015 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Chappelle Complex Co Ltd (C4892) drabi oħra msejħa wkoll bħala “The Chapelle Complex Company Limited” jew “Chapelle Complex Co. Ltd”.

Rat in-nota tal-Kuraturi Deputati ppreżentata fit-3 ta’ Lulju, 2015 li biha aċċettaw in-notifika tal-atti tal-kawża kif korretti, żammew ferm ir-risposta preċedenti tagħhom, u rrinunzjaw għal kull terminu.

## Ikkunsidrat:

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetajiet attriċi qegħdin jikkontendu illi reċentement irriżultalhom illi fuq xi partijiet mill-Villa Chapelle, numru 15, Mosta Road, San Pawl il-Baħar li kienu xtraw mingħand is-soċjetà Northside Company Limited, għad hemm reġistrat privileġġ speċjali bin-numru 4610/1985, li kien iskritt minn din l-istess soċjetà Northside Company Limited a favur ta' Chapelle Complex Co Ltd (C4892) u dan in garanzija ta' pagament ta' Lm25,000. Għal xi raġuni dan il-privileġġ speċjali ma kienx irriżulta mir-riċerki li kienu saru qabel ma kien seħħ it-trasferiment ta' din il-proprjetà mis-soċjetà Northside Company Limited lis-soċjetajiet attriċi. Is-soċjetajiet attriċi jikkontendu li Northside Company Limited kienet ħallset kull ammont dovut lis-soċjetà Chapelle Complex Co Ltd (C4892) li kien garantit bil-privileġġ speċjali bin-numru 4610/1985. Għalhekk permezz ta' din il-kawża is-soċjetajiet attriċi qegħdin jitolbu li l-imsemmi privileġġ speċjali jiġi mħassar.

Min-naħa tagħhom il-kuraturi deputati in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta eċċepew illi sabiex jiġu milqugħa it-talbiet tas-soċjetà attriċi, għandu jiġi ppruvat li ġew imħallsa l-pretensjonijiet li kienu ġew ikkawtelati bil-privileġġ speċjali bin-numru 4610/1985.

**<u>Riżultanzi</u>**

Fl-affidavit tiegħu Anthony Sammut[1] li huwa l-uniku direttur tas-soċjetà North Side Co. Ltd, ikkonferma bil-ġurament illi l-kumpannija tiegħu kienet xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta Chapelle Complex Company Limited il-proprjetà magħrufa bħala Villa Chapelle, numru 15, Mosta Road, San Pawl il-Baħar b'kuntratt datat 24 ta' April, 1985 fl-Atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello. Fuq dan il-kuntratt kien għad fadal bilanċ ta' prezz ta' Lm25,000 li

[1] A fol. 42-43 tal-proċess.

kellu jitħallas permezz ta' għoxrin (20) pagament ta' Lm1250 pagabbli kull sitt xhur u bl-imgħaxijiet ta' 3%.

Anthony Sammut ikkonferma wkoll bil-ġurament illi huwa kien ħareġ għadd ta' kambjali biex jiġu koperti dawn il-pagamenti, apparti li kien ukoll ġie iskritt privileġġ speċjali bin-numru 4610/1985 fuq il-proprjetà inkwistjoni. Anthony Sammut xehed ukoll illi dawn il-kambjali kienu ġew depożitati l-bank u fil-fatt kienu tħallsu kollha sal-1995. Anthony Sammut esebixxa wkoll elenku mħejji minnu biex juri kif kienu saru dawn il-pagamenti.

Anthony Sammut ikkonferma wkoll illi l-kambjali kollha kienu ġew irritornati lilu mill-bank peress li kienu ġew imħallsa kollha u ġiet esebita vera kopja tal-kambjali oriġinali li għadhom fil-pussess tiegħu sal-lum. Fl-aħħar nett Sammut qal illi ma hemm l-ebda raġuni għalfejn dan il-privileġġ jibqa' fis-seħħ peress li d-dejn inkwistjoni ilu mħallas mill-1994.

Din il-Qorti tqis li l-fatt li l-kambjali inkwistjoni ġew kollha rritornati lis-soċjetà debitriċi mill-bank, jammonta għall-prova sufficjenti li tikkonferma dak li qal fl-affidavit tiegħu Anthony Sammut li l-ammont li kien dovut lil Chapelle Complex Company Limited u li kien iggarantit bil-privileġġ speċjali 4610/1985, kien ġie mħallas kollu mis-soċjetà Northside Company Ltd. S'intendi dan għaliex l-ebda kreditur mhu se jerħi minn idejh xi kambjali jekk ma jkunux ġew imħallsa.

Waqt it-trattazzjoni l-kuratur deputat l-Avukat Martin Fenech maħtur biex jirrappreżentanza lis-soċjetà konvenuta wasal għal din l-istess konklużjoni li ladarba l-kambjali ġew ritornati lil min kien ħariġhom, dan iffisser li d-dejn kollu

kien ġie mħallas u għalhekk qabel li l-imsemmi privileġġ speċjali bin-numru 4610/1985 għandu jiġi kkanċellat.

**Decide**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetajiet attriċi:**

1) **Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-obbligazzjoni tal-pagament li kienet iggarantita bil-privileġġ speċjali bin-numru 4610/1985, li kien iskritt mis-soċjetà Northside Company Limited a favur tas-soċjetà konvenuta ġiet estinta, proprju għaliex kwalsiasi ammont dovut lill-istess soċjetà konvenuta ġie mħallas;**

2) **Tordna konsegwentement illi l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali bin-numru 4610/1985 għandha tiġi kkanċellata għalkollox;**

3) **Tinnomina lin-Nutar Elisa Falzon sabiex tippubblika l-att ta' kanċellament u lill-Avukat Martin Fenech bħala kuratur sabiex jidher għan-nom tas-soċjetà konvenuta fuq l-att relattiv tal-kanċellament.**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra s-soċjetajiet attriċi.**

Moqrija

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------